MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Numru 7/2006

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**v.**

**Louis Mallia**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta’ Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-3 ta’ Mejju 2006 kontra Louis Mallia li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuza lill-imsemmi Louis Mallia, recidiv f’delitt, talli (1) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’perikolu car, wera

dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; (2) fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar u arma regolari , u dan minghajr ghan legittimu; (3) kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u (4) kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-7 ta' Novembru 2007 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'sitt voti favur u tliet voti kontra sabu lill-appellant (allura akkuzat) Louis Mallia hati ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza  kif ukoll li bih unanimament sabuh hati tat-Tieni, tat-Tielet u tar-Raba' Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, iddikjaratu, recidiv, hati talli:

(1) Fit-30 ta' Settembru 2004, fil-Belt Valletta, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija (6 pm.) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna u cioe` lil Gordon Calleja, jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu b'dana illi b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tad-19 ta' April 1996, "Il-Pulizija v. Louis Mallia e" tal-15 ta' Settembru, 1999, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tas-7 ta' Dicembru 2001, u b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Stephen Abdilla et" tat-3 ta' Lulju 1995, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tad-9 ta' April, 1996, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tal-15 ta' April 1996, u "Il-Pulizija v. Louis Mallia et." tad-19 ta' Frar 2003, l-akkuzat Louis Mallia instab hati ta' diversi delitti, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

(2) Fit-30 ta' Settembru 2004, fil-Belt Valletta, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija (6 pm.) fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu b'dana illi

b’sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tad-19 ta’ April 1996, “Il-Pulizija v. Louis Mallia et” tal-15 ta’ Settembru 1999, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tas-7 ta’ Dicembru 2001, u b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Stephen Abdilla et” tat-3 ta’ Lulju 1995, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tad-9 ta’ April 1996, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tal-15 ta’ April 1996, u “Il-Pulizija v. Louis Mallia et” tad-19 ta’ Frar 2003, l-akkuzat Louis Mallia instab hati ta’ diversi delitti, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

(3) Fit-30 ta’ Settembru, 2004, fil-Belt Valletta ghall-habta tas-sitta ta’ filghaxija (6 pm.) kellu f’idejh jew fuqu sikkina b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u b' dana illi b’sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tad-19 ta’ April 1996, “Il-Pulizija v. Louis Mallia et” tal-15 ta’ Settembru 1999, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tas-7 ta’ Dicembru 2001, u b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Stephen Abdilla et” tat-3 ta’ Lulju 1995, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tad-9 ta’ April 1996, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tal-15 ta’ April, 1996, u “Il-Pulizija v. Louis Mallia et” tad-19 ta’ Frar 2003, l-akkuzat Louis Mallia instab hati ta’ diversi delitti, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

(4) Fit-30 ta’ Settembru 2004, gol-Belt Valletta, ghall-habta tas-sitta ta’ filghaxija (6 pm) kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dana skond ir-Raba’ kap tal-Att tal-Akkuza.

B’dik is-sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 338(dd) u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikoli 13(1), 26(a) ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) u wara li kkunsidrat li, ghall-fini tal-piena, ir-reati taht it-Tieni u r-Raba’ Kapi tal-Att tal-Akkuza huma assorbiti fir-reat taht l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza skond l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-imsemmi Louis Mallia ghal piena komplessiva ta’ wiehed u ghoxrin (21) sena prigunerija li

minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan ir-reat, kif ukoll ikkundannatu jhallas l-ispejjez tal-perizji f'din il-kawza li jammontaw ghal tliet mija u wiehed u tmenin liri Maltin u sitta u tmenin centezmi (Lm 381.86c). L-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li qieset is-sottomissjonijiet tad-difensur ta' l-appellant dwar piena (peress illi l-prosekutur m'ghamilx sottomissjonijiet u halla f'idejn il-gudizzju tal-Qorti) u kkunsidrat is-segwenti:

**"Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur Dr. M. Mifsud, u s-sottomissjonijiet minnu maghmula dwar il-piena.**

**"Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni llum stess u li d-difiza hadet konjizzjoni taghha.**

**"Qieset is-sottomissjonijiet kollha tad-difiza li jinsabu registrati w senjatament, izda mhux biss, is-segwenti u cioe' :**
**1. li l-verdett fuq l-Ewwel Kap kien l-inqas wiehed possibbli ta' sitt voti kontra tlieta;**
**2. illi l-incident gara fl-isfond ta' zmien meta l-hati kien mahkum mill-vizzju tad-droga, vizzju li pero` issa kemm ilu l-habs irnexxielu johrog minnu;**
**3. li l-Qorti ghandha tordna li l-perijodu tal-arrest preventiv jitnaqqas minn kull sentenza li tigi biex taghti.**

**"Qieset li l-prosekutur, Dr. Aaron Bugeja, m'ghamilx sottomissjonijiet dwar il-piena w halla f'idejn il-gudizzju tal-Qorti.**

**"Ikkonsidrat :**

**"Illi wara li qieset is-sottomissjonijiet kollha tad-difiza w il-punti li skond id-difensur jimmilitaw favur piena miti, l-Qorti xorta wahda meta tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-gravita` u l-potenzjal micidjali tal-offizi li sofra fuq persuntu Gordon Calleja, ma tista' bl-ebda mod tittratta dan il-kaz b'leggerezza. Fl-istess**

**waqt ma tista' qatt tqis li t-tehid tad-droga mill-hati, li huwa delitt gravi fih innifsu, jista' b'xi mod iservi bhala attenwanti fil-kommessjoni tar-reati addirittura aktar gravi. Jekk hu minnu dak li allega d-difensur li kemm ilu taht arrest preventtiv, il-hati irrnexxielu jinfatam mill-vizzju tad-droga, dan ghalkemm pass lodevoli, fl-ewwel lok hu pass fl-interess tal-istess sahha tal-hati u xejn aktar.**

**"Illi kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza 'Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi' [30.7.2004] : -**

***" '… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija <u>b'effett immedjat</u> . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika .'***

**"Illi dan il-principju rega' gie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha: 'Ir-Repubbllika ta' Malta vs. Domenic Bonnici' [11.11.2004].**

**"Illi f' dan il-kaz il-hati ghandu fedina penali mill-aktar refrattarja u sa mill-1985 sal-lum hu ssubixxa mhux inqas minn 37 kundanna mill-Qrati ghal reati li jvarjaw minn feriti gravi, serq ripetut, tentattiv ta' serq, pussess ripetut ta' droga eroina u ricettazzjoni ghal theddid u ngurji tal-membri tal-Korp tal-Pulizija, sekwestru tal-persuna, glied u storbju u diga` gie kundannat tlettax-il (13) darba ghall-piena karcerarja, apparti diversi sentenzi ohra fejn hu jew gie liberat b' kundizzjoni, jew tpogga taht probatioin jew gie immultat. B'dana kollu, matul dawn is-snin kollha hu ma wera ebda sinjal ta' riforma anzi kompla jirranka fil-hajja kriminuza tieghu, b'mod li llum huwa recidiv plurimu u jidher li jirraprezenta minaccja ghas-socjeta`. Dan kollu ma jistax ma jigix rifless fil-piena li trid tigi erogata minn din il-Qorti."**

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Louis Mallia pprezentat fil-21 ta' Novembru 2007 fejn talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-verdett imsemmi tal-gurati u s-sentenza appellata u tordna li jigi registrat verdett ta' mhux hati fil-konfront tieghu u ghalhekk jigi liberat minn kull htija u piena, u subordinatament u fi kwalunkwe kaz talab ukoll li din il-Qorti, f'kaz li tichad l-appell tieghu ghal dik li hija htija, tirriforma s-sentenza appellata ghal dik li hija piena billi tinfliggi piena fil-limiti tal-ligi u li tirrispekkja c-cirkostanzi tal-kaz u l-verdett milhuq li ma kienx wiehed ta' unanimita`;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (1) Mill-provi processwali ma kienx hemm bizzejjed biex il-gurija ragonevolment setghet issib htija fil-konfront tieghu almenu minghajr kwalifiki; (2) Fil-kors ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien hemm direttivi ta' ligi zbaljati b'mod li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li setghet kellha effett determinanti fuq il-verdett raggunt mill-gurati; (3) Fi kwalunkwe kaz u subordinatament, anki li kieku kellu jigi accettat li l-appellant huwa hati, il-piena nflitta fuqu mill-ewwel Qorti hija eccessiva u tmur oltre dak permess mil-ligi.

Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta t-tieni aggravju. Hawn l-appellant ghandu zewg ilmenti.

L-ewwel ilment huwa bbazat fuq il-fatt li fil-guri kien hemm zewg verzjonijiet differenti dwar dak li gara. Il-verzjoni ta' l-appellant li sostna li gie aggredit minn Gordon Calleja b'mus hdejn il-gabbana ta' Bieb il-Belt ghall-habta tat-3.00 p.m. u l-verzjoni ta' Gordon Calleja u martu li l-incident gara ghall-habta tas-6.00 p.m. meta l-appellant, minghajr provokazzjoni u motiv, gera wara Calleja u tah daqqiet ta' mus. L-appellant jghid:

"Illi l-Onorevoli Imhallef indirizza l-gurati fis-sens li donnhom li legalment kellhom bil-fors jaghzlu wiehed miz-zewg verzjonijiet u ma setghux jaghzlu bicca minn verzjoni li fl-opinjoni taghhom kien kredibbli l-appellant u setghu jaghzlu bicca ohra tal-verzjoni ta' Gordon Calleja u l-mara tieghu, Diane Calleja. Minkejja li kien hemm differenzi fil-verzjonijiet, ma kienx hemm fatturi li l-gurati setghu jaghzlu li kienu aktar verosimili minn ohrajn miz-zewg verzjonijiet u l-fatt li gudikant tal-provi jista' jemmen kollox, jista' ma jemmen xejn jew jemmen parti biss seta' gie spjegat ahjar; anzi ma giex spjegat lil gurati li ma kellhom l-ghazla ta' jekk huma ma kinux konvinti oltre d-dubbju ragonevoli. B'hekk jekk il-gurati kienu tal-fehma li huma moralment konvinti li parti mill-verzjoni ta' l-appellant hija verosimili, filwaqt li parti ohra tal-verzjoni ta' Gordon Calleja hija wkoll verosimili, u b'hekk jistghu jkollhom stampa aktar cara, li del resto huwa fid-dritt taghhom u jistghu jiddeciedu fuq dan, dejjem jekk huma konvinti 'l hinn minn kull dubju ragonevoli. Izda minkejja dan l-Onorevoli Imhallef allavolja ikkonfermalhom li l-gurati huma l-imhallfin tal-fatt, xorta ma spjegalhomx li jistghu jaghzlu partijiet miz-zewg verzjonijiet. Anzi l-gurati nghataw l-impressjoni li kienu limitati li jaghzlu verzjoni wahda biss, anki jekk ma kinux konvinti mill-verzjoni kollha jew inkella kienu accettaw partijiet tal-verzjoni tan-naha l-ohra."

Jibda biex jinghad illi stranament l-appellant donnu jikkontradici lilu nnifsu f'dan il-bran fir-rikors ta' appell tieghu peress illi filwaqt illi jilmenta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma tax lill-gurati ghazla ohra minbarra dik li jaghzlu wahda jew ohra mill-verzjonijiet, jghid li *"[m]inkejja li kien hemm differenzi fil-verzjonijiet, <u>ma kienx hemm fatturi li l-gurati setghu jaghzlu li kienu aktar verosimili minn ohrajn miz-zewg verzjonijiet</u>"*. Jigifieri hawn l-appellant donnu qieghed jghid li l-gurati setghu emmnu lilu daqs kemm setghu emmnu lill-konjugi Calleja. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ilment li jirrazenta l-fieragh. Il-gurati tqieghdu mill-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-ahjar pozizzjoni possibbli biex ikunu jistghu jiddeciedu b'serenita`. Fil-bidu ta' l-indirizz huwa spjegalhom id-

diversi regoli applikabbli li setghu jghinuhom jiddeciedu. Qalilhom ukoll[1]:

**"Regola ohra hija li x-xhieda okulari, dawk ta' zewg idejn u zewg saqajn li dahlu jixhdu hawn jew telghu jixhdu, dawk tista' temminhom f'kollox, tista' temminhom f'parti iva u f'parti le, u tista' ma temminhom f'xejn ….**

**"U dan tridu tehduh in konsiderazzjoni wkoll, u allura l-ligi thalliha possibbli ghalina li nistghu nemmnu kollox jekk ahna konvinti minn dak li qed nisimghu, nistghu nemmnu bicca u ma nemmnux bicca ohra jew inkella jekk il-gidba tkun manifesta tista' ma temminha xejn ukoll …."**

Inoltre l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta diversi ezempji ta' dan sabiex ma jkun halla l-ebda dubbju li l-gurati setghu jifhmu din ir-regola. L-istess bhalma spjegalhom ir-regola li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragonevoli[2]. Meta mbaghad l-Imhallef li ppresjeda l-guri beda biex jittratta l-linji tad-difiza, u specifikatament l-ewwel linja tad-difiza li kienet li kien hemm incident wiehed li sehh fit-3.00 p.m., huwa rrefera korrettement ghall-fatt li kien hemm zewg verzjonijiet, u cioe` jekk kienx hemm incident fit-3.00 p.m. kif qal l-appellant jew jekk kienx hemm incident fis-6.00 p.m. kif qalu Gordon Calleja u martu – wara kollox l-appellant ma jichadx dan, anzi jirreferi ghal dan il-fatt fir-rikors ta' appell tieghu stess. L-Imhallef li ppresjeda l-guri effettivament stieden lill-gurati biex jiddeciedu jemmnux il-verzjoni ta' l-appellant jew dik ta' Calleja u martu[3]:

**"Issa din hija kwistjoni purament ta' fatt, ma tidholx ligi hawn. Jew temmnu x'qed jghid l-akkuzat u l-verzjoni tieghu, tanalizzaw jekk hix dejjem l-istess verzjoni li ta jew bidilhiex jew immodifikahiex, taraw il-verzjoni ta' Gordon Calleja u ta' martu, nerga' nghidilkom mhux il-fatt li qeghdin tnejn kontra wiehed**

[1] Traskrizzjoni ta' l-indirizz p. 7.
[2] Ibidem p. 13 – 15.
[3] Ibidem p. 35.

**ifisser li ghandhom jirbhu t-tnejn pero` lanqas hu l-fatt li ghax wiehed huwa kontra tnejn allura ghandu jirbah il-wiehed ukoll, jigifieri dik hija kwistjoni lil min ser temmnu minnhom. U araw min minnhom ghandu xi forma ta' korroborazzjoni minn affarijiet ohra, u araw fid-dinja normalment x'jigri. Ma nafx jien, jekk stess kien kif qed jghid hu allura mbaghad l-iehor li qala' daqqa ta' sikkina ghall-habta tas-sitta mill-Belt minn xi hadd li ma nafux min hu x'interess ikollu li jwahhal f'dan li tahielu d-daqqa ta' sikkina? Araw intom. Jew ghandux jirrapporta lil min veru tah id-daqqa ta' sikkina? Kieku stess il-fatti kienu kif qed jghidu, imma din *again* kwistjoni ta' fatt, tridu taraw l-aspetti taghha kollha, araw x'jaghmel sens, araw x'jigri fil-hajja normalment, araw ix-xhieda x'jghidu u l-mod kif qaluhom l-affarijiet, l-avukat ippuntalkom xi inkonsistenzi bejn il-verzjoni tal-mara u tar-ragel, hu qal gie jigri warajja, l-ohra qalet mexa warajh u lahqu, imbaghad hemm il-kwistjoni tal-hinijiet, jekk kinux marru diga` ghand in-nutar u ma sabuhx hemm jew inkella kienu ghadhom sejrin ghand in-nutar, il-kwistjoni jekk marrux iz-Zejtun jew ma marrux iz-Zejtun, kienx jaf il-kuntratt x'kien u ma kienx, jista' jkollhom importanza uhud minn dawn l-affarijet, jista' ma jkollhomx ukoll, il-kwistjoni kollha hi hawnhekk ghandkom zewg verzjonijiet kompletament differenti u tridu taghzlu bejn wahda jew ohra. U din l-ewwel decizjoni li tridu tiehdu fuq l-ewwel kap ghax tiddetermina imbaghad hafna decizjonijiet ohra. Jekk tiehdu decizjoni mod allura tieqfu hemm, jekk tiehdu decizjoni mod iehor allura mbaghad tridu tidhlu fil-kwistjoni ta' l-intenzjoni u taraw x'ried jaghmel u ma riedx jaghmel ezattament, ecc.**

**"Mela din kwistjoni purament ta' fatt, nghid x'nghid jiena fuqha din m'ghandkom jinfluwenzawkom bl-ebda mod, introm tridu tanalizzaw il-fatti, fortunatament dan kien guri qasir hafna illi l-fatti qeghdin fuq ponot subghajna, nafuhom, smajnihom, ghadhom jidwu go widnejna, smajnihom it-Tnejn, ergajna rrikapitalajnihom il-bierah filghaxija, m'hemmx f'hiex wiehed jintilef hafna, imma tridu**

**tiehdu decizjoni vi jew va – temminx il-verzjoni ta' l-akkuzat jew il-verzjoni taz-zewg persuni l-ohra li fil-fatt l-incident gara fis-sitta, gara bil-mod kif iddeskrivewh huma li l-ewwel inghatat daqqa fuq l-ghonq trasversalment imbaghad *followed by two stab wounds in the chest* illi ppenetraw."**

Huwa proprju dak li l-gurati kellhom jiddeciedu l-ewwel, cioe` jekk l-incident garax ghall-habta tat-3.00 p.m. kif kien qed jghid l-appellant u li fih huwa sofra xi feriti, jew jekk garax ghall-habta tas-6.00 p.m. kif qed jghidu l-konjugi Calleja meta, skond huma, Gordon Calleja gie attakkat b'mus mill-appellant. Ghalhekk l-ewwel ilment qieghed jigi respint.

It-tieni lment huwa li l-Imhallef li ppresjeda l-guri naqas milli jispjega lill-gurati d-dritt taghhom li setghu jesprimu x-xewqa taghhom li l-Qorti turi klemenza fis-sentenza taghha, nonostante li d-difensur tieghu kien spjegaha lill-gurati. B'hekk il-gurati setghu fehmu li ma kellhomx ghalfejn jikkonsidraw dan il-fattur.

L-ewwelnett l-Imhallef li jippresjedi l-guri ma ghandu l-ebda obbligu li jsemmi kull punt u kull sottomissjoni li jkunu ghamlu d-difensuri tal-partijiet. La l-gurisprudenza u l-anqas il-ligi ma jimponu tali obbligu. Ghalhekk in-nuqqas ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri li jsemmi d-dritt tal-gurati li jitolbu klemenza ma jistax jigi kkunsidrat bhala applikazzjoni jew interpretazzjoni hazina tal-ligi. Inoltre huwa fattur li ma seta' kellu ebda influwenza fuq il-verdett.[4]

Ghaldaqstant anke t-tieni lment huwa respint.

L-ewwel aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija skond l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza. Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Qorti Istruttorja,

[4] Art. 501(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant fir-rigward ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-att ta' akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legalment jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[5].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that**

---

5 Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi**

**dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

F'dan il-kaz l-appellant jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet in sostenn ta' l-aggravju tieghu li ma kienx hemm provi sufficjenti biex gurija ragonevoli setghet tasal ghal konkluzjoni ta' htija oltre d-dubbju ragonevoli:

"(a) Il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-appellant kellu l-intenzjoni specifika li joqtol lil Gordon Calleja u jpoggilu hajtu f'perikolu car. Jidher li l-prosekuzzjoni, l-unika prova li kellha kienet il-feriti li sofra Gordon Calleja, wahda superficjali f'ghonqu u zewg daqqiet ta' mus f'sidru. Il-fatt semplici tad-daqqiet ta' mus wahedhom ma jfissrux li kien hemm intenzjoni skond l-Artikolu 211 tal-Kodici Kriminali ghaliex l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali jelenka l-feriti ta' natura gravi, li jinkludi kull ferita li tista' twassal ghall-mewt. Jigifieri persuna tista' jkollha intenzjoni generali li taghmel ferita fuq persuna, u dik il-ferita tkun ta' natura gravi billi tkun tista' twassal ghall-mewt. Barra minn hekk ferita ta' natura gravi tista' tkun gravi jekk tidhol f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem, bhal ma kien dan il-kaz. Feriti li jidhlu fil-kavitajiet tal-gisem huma feriti 'koroh' u perikoluzi. Pero` d-differenza bejn l-Artikolu 211 u 216 tikkonsisti fl-intenzjoni ta' dak li jwettaq ir-reat u b'hekk ghal fini tal-omicidju volontarju jew it-tentattiv tieghu hemm bzonn il-prova addizzjonali tal-intenzjoni specifika li tmur oltre l-prova tan-natura tal-ferita, cioe` hi rikjesta l-intenzjoni specifika li toqtol jew tpoggi l-hajja ta' dak li jkun f'perikolu car. Hu veru li l-intenzjoni specifika tista' tirrizulta b'mod indirett izda l-legislatur ried li dejjem ikun hemm intenzjoni specifika, li ghalkemm tista' tkun indiretta, ciononostanti, dejjem trid tkun distinta minn dik l-intenzjoni generali li twassal ghal htija ta' ferita gravi u dejjem trid tirrizulta mill-provi oltre d-dubbju ragonevoli.

“(b) Skond il-verzjoni tal-fatti ta’ Gordon Calleja, l-appellant attakkah minn wara izda rnexxielu jdur u jikkonfronta lill-appellant. Indikazzjonijiet ta’ l-intenzjoni tohrog mill-fatti ta’ l-incident u anki x’gara wara. Minkejja li Gordon Calleja sofra l-feriti, baqa’ jiggieled ma’ l-appellant, anzi meta l-appellant telaq jigri ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-feriti kienu ta’ natura gravi, jigifieri li setghu jwasslu ghal mewt jew li ppenetraw xi kavita`. L-appellant kieku vera kien ifforma l-intenzjoni kif kontemplata fl-Artikolu 211 kellu kull opportunita` li jkompli jinfliggi feriti fuq Gordon Calleja billi jew joqtlu jew inkella jassigura li hajtu tkun f’perikolu car. Haga importanti li tigi sottomessa hija li t-tobba tal-Polyclinic tal-Floriana ma ndunawx li Gordon Calleja kien f’xi perikolu tal-mewt u nghata *first aid* minimu qabel ma ntbaghat l-Isptar San Luqa. Kien biss f’investigazzjoni aktar fid-dettal li t-tabib fl-Isptar induna li l-ferita li kien sofra setghet twassal ghal mewt. B’hekk wiehed legittimament isaqsi kif l-appellant seta’ jinduna li Gordon Calleja kien f’perikolu tal-mewt meta kien ghadu fuq saqajh u kien qed jiggieled mieghu. Hadd ma waqqaf il-glieda bejn it-tnejn hlief allegatament wahda mara xhieda [*recte*: xiha] bdiet tghajjat. B’hekk jekk l-appellant kellu intenzjoni omicida kellu opportunita` sufficjenti jwettaq dak li kellu intenzjoni li jaghmel, izda l-provi juru mod iehor u li se mai l-appellant kellu intenzjoni generali normali ghal kaz ta’ tnejn qed jiggieldu b’sikkina jew mus.

“(c) Illi anki l-kliem li allegatament uza l-appellant wara l-glieda, fejn qal lil Gordon Calleja ‘Issa mur l-Isptar’, jindika bl-aktar mod car li ried iweggghu u riedu jmur l-Isptar. Anki jekk qal dan il-kliem b’ton sarkastiku, juri li kien jaf li ghamel xi tip ta’ ferita fuq Gordon Calleja u kien se mai lahaq l-iskop tieghu li jibaghtu l-Isptar. Kieku haseb li kien se jmut jew kien f’xi perikolu li jmut logikament kien juza espressjoni ohra, konnessi mal-mewt, bhal espressjonijiet bi kliem li fihom il-kliem ‘cimiterju’, ‘tebut’ jew ‘qabar’.

“(d) Ix-xiehda ta’ Gordon Calleja u martu Diane Calleja huma oggettivament mhux kredibbli stante illi hemm differenzi kbar bejn x’gara qabel l-incidenti u waqt l-

incident. Gordon Calleja qal li dak inhar kellu jmur ghand in-Nutar biex jiffirma l-kuntratt u skond hu kien jaf biha dik in-nhar biss u kellu diffikultajiet sabiex jispjega x'tip ta' kuntratt kien. Diane Calleja tghid li kien ilu jaf bl-appuntament gimgha shiha u kellhom jestendu l-kirja ta' l-unika residenza taghha. Imbaghad Gordon Calleja qal li ma jafx fejn kellu jmur ghand in-Nutar u mir-residenza taghhom mar biex jixtri s-sigaretti u wara kellhom imorru ghand in-Nutar, izda wara li xtara s-sigaretti kellu l-incident ma' l-appellant. Diane Calleja tghid li huha kien id-dar u l-ewwel marru z-Zejtun biex iwassluh u mbaghad marru lura d-dar il-Hamrun u mbaghad marru l-Belt. L-ewwel waqfu ghand in-Nutar, izda ma kienx hemmhekk u mbaghad marru jixtru s-sigaretti fejn gara l-incident. Jidher car li xi hadd minnhom jew it-tnejn ma kinux qed jghidu l-verita` fuq x'gara qabel l-incident.

"(e) Illi ghar-rigward l-incident, Gordon Calleja qal li ra l-appellant jigri ghalih, waqt li Diane Calleja tghid li l-appellant kien qed jimxi warajh. Gordon Calleja qal li gibed xaghar l-appellant u nizlu gharkuptejh. Diane Calleja qalet li Gordon Calleja sempliciment zammlu rasu. Dr. Mario Scerri sab li l-appellant kellu ferita f'rasu fejn inqala' bicca minn xaghru. Skond Gordon Calleja bdew jiggieldu mas-sikkina jigifieri li kien hemm hin li t-tnejn kienu qed jissieltu ghas-sikkina. Diane Calleja tghid li ma garax hekk.

"(f) B'hekk huwa ovvju li kien hemm konflitt ta' provi li kellu jwassal ghal konkluzjoni li l-verzjoni ta' l-appellant kienet aktar verosimili u kredibbli u fuq kollox kienet konsistenti.

"(g) Hija s-sottomissjoni tal-appellant li l-prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova necessarja li l-fatti kienu tali li ma setax ikun hemm dubbju dwar l-intenzjoni specifika u omicida tal-appellant. Sfortunatament l-gurati gew indirizzati b'mod li kellhom bil-fors jew jemmnu lil Calleja jew lill-appellant."

Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi l-appellant fil-paragrafu (g) jerga' jilmenta dwar il-mod kif gew indirizzati l-gurati fir-rigward taz-zewg verzjonijiet – dik ta' Gordon Calleja u

martu u dik ta' l-appellant. Dan il-punt diga` gie ttrattat aktar 'il fuq u gie dikjarat li din il-Qorti ma sabet xejn mankanti fl-indirizz. Waqt it-trattazzjoni orali pero` d-difensur ta' l-appellant ilmenta wkoll li fl-indirizz ma kienx hemm spjegazzjoni cara dwar l-intenzjoni specifika omicida u dwar id-difizi li pprezentat id-difiza, kif ukoll li seta' kien hemm izjed enfasi fuq element milli fuq iehor. Hawn din il-Qorti tfakkar li: ***"This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice."***[6] Minn ezami ta' l-indirizz jirrizulta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta spjegazzjoni cara dwar l-intenzjoni specifika omicida meta kien qieghed jittratta l-elementi rikjesti taht l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza[7]. Inoltre rega' rrefera ghall-kwistjoni ta' l-intenzjoni fil-kuntest tat-tieni linja tad-difiza, dik li ma kienx hemm *animus necandi* izda biss *animus nocendi*[8]. Jirrizulta wkoll illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega d-diversi difizi alternattivi li gew proposti u anke nghata lill-gurati verdett kampjun bil-verdetti kollha possibbli li wkoll gew spjegati wiehed wiehed mill-istess Imhallef. Din il-Qorti tfakkar ukoll: ***"Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."*** [9] U hekk ghamel l-Imhallef li ppresjeda l-guri f'dan il-kaz. Ghalhekk din il-Qorti terga' ttenni li l-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.

Issa, mis-sottomissjonijiet hawn aktar 'il fuq riportati li saru fir-rikors ta' appell jidher li l-appellant mhuwiex qieghed

---

[6] Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003**, para. 7-53 p. 936).

[7] Traskrizzjoni ta' l-indirizz p. 17 *et seq*.

[8] *Ibidem* p. 36 – 37.

[9] Simon Brown, L.J. f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**, p. 464 para. 4-376.

jikkontesta li l-offizi li garrab Gordon Calleja kkawzahomlu hu. Huwa minnu li l-appellant isostni illi minhabba konflitt ta' provi f'dak li qalu Gordon Calleja u martu, dan kellu jwassal ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tieghu – li jghid li kienet konsistenti – kienet aktar verosimili u kredibbli. Izda, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*[10] Imbaghad, il-fatt li kien hemm xi konflitt bejn dak li qal Gordon Calleja u dak li qalet martu, ma jfissirx l-anqas li ma setghux jitwemmnu f'dak li jikkoncerna l-mertu principali ta' dan il-kaz. Wara kollox, kif ifakkarna l-appellant stess, xhud jista' jitwemmen f'kollox, jista' ma jitwemmen f'xejn jew jista' jitwemmen f'parti. B'hekk, jekk Calleja kienx mgharraf bil-kuntratt dakinhar jew gimgha qabel, jekk Calleja kellux diffikulta` biex jispjega t-tip ta' kuntratt li kellu jigi ffirmat u jekk il-konjugi Calleja kinux ghaddew diga` ghand in-Nutar jew le huma kollha *side issues* li ftit li xejn jinfluwixxu fuq il-verosimiljanza tal-fatt li d-daqqiet ta' mus inghataw proprju mill-appellant. L-istess hu ta' rilevanza marginali jekk l-appellant geriex jew mexiex lejn Calleja, jekk issiltux jew le ghall-mus (m'hemm l-ebda dubbju li l-offizi li garrab Calleja ma kinux *self-inflicted*) u jekk Calleja gibidx lill-appellant minn xaghru u nizzlu gharkuptejh jew jekk semplicement zammlux rasu (fil-fatt jirrizulta mix-xiehda ta' Dr. Mario Scerri li l-appellant kellu troffa xaghar nieqsa).

Kwantu ghall-allegata konsistenza ta' l-appellant, jinghad illi ghalkemm kien konsistenti fil-verzjoni tieghu li l-incident gara fit-3.00 p.m. u li kien Calleja li hareg mus ghalih, mill-ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi hi sodisfatta li dik il-verzjoni hi inverosimili u dan nonostante xi diskrepanzi li hemm bejn dak li xehed Gordon Calleja u dak li xehdet martu Diane Calleja. Ghalhekk il-gurati setghu ragjonevolment u legalment jikkonkludu li kienet l-verzjoni tal-konjugi Calleja li kienet fis-sustanza dik veritjera.

---

[10] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003.

Fil-fatt il-kwistjoni kollha f'dan l-aggravju principali ta' l-appellant issa hi jekk huwa kellux verament l-intenzjoni li joqtol lil Gordon Calleja jew li jqeghdlu hajtu f'perikolu car – allura l-intenzjoni omicida taht iz-zewg forom taghha, dik pozittiva diretta u dik pozittiva indiretta – jew l-intenzjoni tieghu kinitx semplicement dik li jwegga', anke jekk gravement jew serjament, lill-imsemmi Calleja. Fl-ewwel kaz, l-appellant ghandu jwiegeb ghal tentattiv ta' omicidju volontarju, fit-tieni kaz ghal offiza gravi. Biex jaslu ghall-konkluzjoni li hawn si tratta ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, il-gurati kellhom ikunu konvinti moralment li meta l-appellant ivvibra d-daqqiet ta' mus (1) jew ra l-mewt bhala konsegwenza ta' ghemilu u ried dik il-mewt ta' Calleja, jew (2) li huwa ra l-mewt bhala konsegwenza probabbli ta' ghemilu u ghalkemm ma riedx il-mewt huwa xorta wahda ghamel dak l-att jew dawk l-atti li kien jaf li probabbilment kien jew kienu ser jikkawzaw dik il-mewt. Fl-assenza ta' xi wahda jew ohra ta' dawn iz-zewg forom ta' intenzjoni, il-gurati kellhom jikkonkludu li l-appellant ried biss iwegga' lil Calleja.

Issa, kif tajjeb gie osservat mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l-fatti – l-att materjali li sar – kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l-att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id-daqqa jew li nghataw id-daqqiet.

Jirrizulta li fil-gurnata in kwistjoni kien hemm diverbju bejn l-appellant u Calleja – sa hawn l-appellant jikkoncedieh ghalkemm jghid li kien fit-3.00 p.m. Skond l-appellant, Calleja qabdu minn xaghru u qalaghlu troffa, l-appellant ta daqqa ta' ponn lil Calleja u telaq jigri. Skond Gordon Calleja, huwa kellu diverbju ma' l-appellant hdejn Mannarinu qabel ma taqbad il-pont ghal gol-Belt Valletta, dahal lura lejn il-Belt u waqt li kien ghadu fuq il-pont gie aggredit mill-appellant b'mus b'daqqa fuq ghonqu. L-aggressjoni hi kkonfermata minn Diane Calleja, mart Gordon Calleja, li kienet qed tistenna lil zewgha fil-van li

kien wieqaf ‘il gewwa minn Bieb il-Belt izda jhares ‘il barra. Jigifieri nonostante li d-diverbju kien ghadda, l-appellant aggredixxa lil Calleja armat b’mus li kellu kull intenzjoni li juza – u fil-fatt uza – fuq l-istess Calleja.

L-ewwel offiza ta’ natura gravi (minhabba sfregju) inflitta fuq Calleja kienet *incised wound* f’ghonqu twila 7.2 cm u wiesa’ 0.2 cm.[11] Jidher illi Calleja pprova jiddefendi ruhu minn din l-aggressjoni izda sofra zewg *stab wounds* li ppenetraw il-kavita` toracika u kkagunaw *pneumothorax*. F’wahda minnhom kien hemm *rocking effect* tax-xafra, jigifieri li x-xafra dahlet f’direzzjoni wahda u harget f’direzzjoni differenti[12]. Dawn iz-zewg *stab wounds* kienu fuq in-naha tax-xellug tas-sider, jigifieri l-istess naha u fil-vicinanzi tal-qalb. Dan ifisser li l-i*stab wounds* gew vibrati lejn parti tal-gisem li titqies li hija vitali. U huwa maghruf ukoll illi fl-ghonq tista’ tintlaqat arterja principali (*carotid artery*) b’konsegwenti emoragija. Dan l-istat ta’ fatt huwa differenti minn dak fil-kaz **Ir-Repubbklika ta’ Malta v. Keith Galea** deciz minn din il-Qorti fid-19 ta’ Ottubru 2006 fejn irrizulta li Galea kien qieghed “ixejjer bl-addocc”. Fil-kaz odjern jidher li l-offizi msemmija kienu mmirati.

L-appellant isostni li ghalkemm Calleja ntlaqat, xorta baqa’ jiggieled. Sinifikanti hawn dak li qal Gordon Calleja fix-xiehda tieghu meta kien mistoqsi mid-difiza dwar kif uza forza fuq l-appellant ghalkemm kien qieghed jghid li kien qala’ daqqiet ta’ mus. Calleja jghid: *“Inti qatt ma qlajt daqqa ta’ sikkina ta, ma tafx x’jigifieri, tigik sahha barranija.”* Din fil-fatt ma hija xejn hlief ir-reazzjoni naturali tal-bniedem ghas-sopravvivenza u ghalhekk Calleja huwa kredibbli f’din id-dikjarazzjoni tieghu.

L-appellant jghid ukoll illi kieku huwa ried joqtol lil Calleja kien ikompli jinfliggi offizi fuq Calleja. Dan seta’ kien il-kaz li kieku Calleja ma rrezistiex ghall-aggressjoni ta’ l-appellant u uza dik il-forza necessarja fuq l-appellant sabiex dan ma jkomplix jinfliggi aktar offizi. Hemm ukoll fatturi ohrajn, bhal per ezempju li Calleja jghid li kien

[11] Rapport ta’ Dr. Mario Scerri a fol. 42 ta’ l-atti tal-kumpilazzjoni.
[12] *Ibidem* a fol. 62.

hemm mara xiha li bdiet tghid lill-appellant biex itiha l-mus u li l-mart Calleja resqet lejhom twerzaq.

L-appellant javvanza wkoll bhala argument li ma kellux intenzjoni li joqtol lil Calleja, li t-tobba tal-Polyclinic tal-Floriana ma kinux indunaw li Calleja kien f'perikolu tal-mewt. X'setghu osservaw it-tobba tal-Polyclinic huwa rrilevanti ghax il-fatt hu li gie riferut l-Isptar. Dr. Michael Spiteri xehed li *"Il-ferita li dan Calleja kellu f'sidru setghet wasslitu ghall-mewt kieku ma giex ikkurat minnufih."*[13] Dr. Mario Scerri ukoll xehed li *"kieku ma jkunx hemm intervent il-pazjent jiddeterjoralek rapidly."*[14]

L-appellant isostni wkoll illi kieku ried joqtol lil Calleja kien juza xi espressjoni relatata mal-mewt u mhux jghidlu biex *"Issa mur l-Isptar"*. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-argument ma jreggix, aktar u aktar jekk, kif donnu jissuggerixxi l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, intqal b'mod sarkastiku. F'dak l-istadju li ntqal dan il-kliem, l-appellant kien diga` nfligga offizi fuq Calleja u l-appellant kien certament konxju mill-fatt li kien ivvibra daqqiet f'sider Calleja.

L-animu ta' l-appellant jirrizulta wkoll mill-mod kif Diane Calleja tiddeskrivi li meta l-appellant ivvibra t-tieni daqqa, l-appellant baqa' bil-mus (li x-xhud tirreferi ghalih bhala sikkina) go sider zewgha. Hija bdiet tghajjat li ser imut u zewgha mbotta lill-appellant li nqala' minn ma' zewgha bis-sikkina f'idu. Jigifieri s-sikkina, ossia mus, inqalghet x'hin Calleja mbotta l-appellant. Din il-Qorti tqis dak li qalet Diane Calleja verosimili peress illi mir-rapport ta' l-espert forensiku Dr. Mario Scerri jirrizulta li f'wiehed mill-i*stab wounds* kien hemm evidenza li x-xafra dahlet f'direzzjoni wahda u harget f'direzzjoni differenti, rizultanza facilment riskontrabbli, fil-fehma ta' din il-Qorti, jekk gara proprju dak li ddeskriviet Diane Calleja.

Jigifieri l-gurati setghu ragjonevolment u legalment jikkonkludu mill-provi mismugha li l-appellant aggredixxa

[13] Atti tal-kumpilazzjoni p. 251 – 252.
[14] Traskrizzjoni tax-xiehda waqt il-guri p. 36.

lil Gordon Calleja b’arma idoneja mhux biss li twegga’ izda sahansitra li toqtol, u li l-postijiet fejn gew ivvibrati d-daqqiet kienu intenzjonati biex jew joqtlu jew almenu li jqieghdu l-hajja ta’ Gordon Calleja f’perikolu car. Il-mewt ma sehhitx peress illi Calleja rreagixxa b’forza ghal din l-aggressjoni u ttiehed ghall-kura tempestivament – haga, ghalhekk, accidentali u ndipendenti mill-volonta` ta’ l-appellant.

Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint ukoll.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis bhala wahda harxa z-zejjed meta paragonata ma’ dik inflitta mill-istess Qorti u Qrati ohra f’kazijiet simili.

Ta’ spiss gie osservat minn din il-Qorti, kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li fuq appell mill-piena hija bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b’dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b’xi mod *“wrong in principle”* jew *“manifestly excessive”*.

Il-piena ghar-reat ta’ tentattiv ta’ omicidju hija dik ghar-reat ta’ omicidju volontarju mnaqqas bi grad jew zewg gradi, jigifieri ghal perijodu ta’ minn tmien snin sa tletin sena jekk imnaqqas bi grad u ghal perijodu ta’ minn seba’ snin sa ghoxrin sena jekk imnaqqas b’zewg gradi. Considerando li l-appellant hu recidiv, fir-realta` pluri-recidiv, il-piena tista’ tizdied bi grad. Ghalhekk m’hemmx dubbju li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa’ fil-parametri tal-ligi.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-ewwel Qorti qieset dak kollu li kien rilevanti biex tasal ghall-piena minnha nflitta. Kull kaz ghandu l-fattispecje tieghu u ghalhekk inutili li wiehed jipprova jipparaguna l-pieni nflitti f’kazijiet ohra. Il-piena nflitta difatti tirrifletti l-gravita` ta’ dan il-kaz.
Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------